# IT-TIENI SEZZJONI — AWLA KUMMERĊJALI

**27 ta' Frar, 1959**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C. BA., LL.D., President;**

**Onor. Dr. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Joseph Camilleri nè

*versus*

Domenico Pantalleresco

**Falliment — Ċessazzjoni tal-Pagamenti — Azzjoni Pawljana — Dritt ta' Ritenzjoni — Art. 577 (2) u (3) tal-Kodiċi tal-Kummerċ.**

*L-azzjoni pawljana fallimentari tirrigwarda l-attijiet kompjuti mill-kummerċjant fiż-żmien taċ-ċessazzjoni tal-pagamenti, attwali jew prossima, iżda anterjorment għad-dikjarazzjoni tal-falliment, magħmula mill-kummerċjant jew mill-Qorti. Dawk "qabel" dik iċ-ċesazzjoni jistgħu jkunu suġġetti għall-azzjoni pawljana ordinarja; dawk "wara" d-dikjarazzjoni tal-falliment huma nulli senz'altro, atteża l-indisponibbilità tal-beni bħala effett tad-dikjarazzjoni tal-falliment.*

*Trattandosi ta' attijiet b'titolu oneruż, kull obligazzjoni, att jew pagament, jista' jiġi annullat jekk ikun hemm frodi anki mill-parti tal-interessat; u l-att jitqies li sar bi frodi mill-interessat jekk jiġi pruvat li dan kien jaf bil-falliment jew biċ-ċirkustanzi li taw lok għad-dikjarazzjoni tal-falliment.*

*Għar-rigward tax-"scientia decoctionis", hu biżżejjed, għall-finijiet tal-azzjoni pawljana fallimentari, li jiġi pruvat li l-kreditur kien jaf biċ-ċessazzjoni tal-pagamenti, mingħajr ma hemm bżonn li jiġi pruvat li hu kien jaf li l-passiv kien jeċċedi l-attiv; imma hu l-istanti għall-annullament tal-atti mpunjati li għandu jagħti l-prova tax-xjenza tat-terz, u mhux it-terzi li għandu jagħti l-prova tal-"inscientia" tiegħu nnifsu.*

*Din il-prova tista' tiġi ndotta minn preżunzjonijiet, basta li jkunu gravi, preċiżi u konkordanti; u mhux biżżejjed illi t-terz seta' "tħasseb biss" dwar l-istat ekonomiku tal-kummerċjant, imma jeħtieġ li jiġi pruvat konkludentement li hu kien jaf bl-istat taċ-ċessazzjoni tal-pagamenti.*

*Il-kreditur ma jistax jinvoka d-dritt ta' ritenzjoni għar-rigward ta' xi merkanzija li kienet tal-fallit, li però tkun qegħda fil-pussess tal-kreditur; ma jistax jirreklama l-pleġġ kontrattwali li jagħti lok għall-privileġġ speċjali fuq ħwejjeġ mobili, mhux suġġett għar-reġistrazzjoni, jekk il-kostituzzjoni tal-penju saret wara d-data stabbilita bħala dik li fiha il-fallit għandu jiġi ritenut li għadda fl-istadju taċ-ċessazzjoni tal-pagamenti.*

*Meta l-azzjoni revokatorja, ossija pawljana, t'rnexxi, għandu jitqies, fir-rapporti tal-partijiet in kawża, "perinde ac si nihil gestum esset"; il-patrimonju tal-fallit jerġa jiġi rimess fli-stat li kien qabel ma saru l-operazzjonijiet impunjati.*

Il-Qorti:— Rat l-att ta' ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur ne., wara li ppremetta illi b'deċiżjoni ta' dik il-Qorti tal-14 ta' Ottubru 1954, fl-atti tal-Falliment tal-imsemmi Joseph Edward Grixti, l-istess Grixti ġie dikjarat fallit b'effett mill-ewwel ta' Diċembru 1951, u li dik id-dikjarazzjoni ġiet konfermata b'deċiżjoni oħra tal-15 ta' April 1955, pronunzjata minn din il-Qorti tal-Appell; u li l-konvenut, meta kien jaf biċ-ċirkustanzi li taw lok għall-istess falliment, għamel diversi negozji u operazzjonijiet kummerċjali mal-fallit; liema negozji u operazzjonijiet minħabba li ġew magħmula in frode għall-kredituri l-oħra tal-fallit, għandhom jiġu dikjarati nulli, u dan b'effett minn dik id-data li l-Qorti tistabbilixxi bħala dik li fiha l-istess konvenut kien jaf biċ-ċirkustanzi li taw lok għall-imsemmi falliment tiegħu; u li l-konvenut għandu fil-pussess tiegħu diversi effetti u merkanzija appartenenti lill-fallit, jew lid-ditta "Christie Davies & Sons", li taħtha l-istess fallit kien jeżerċita l-kummerċ tiegħu; liema oġġetti u merċi l-konvenut qiegħed jirrifjuta jikkonsenja, billi jallega fuqhom drittijiet ta' ritenzjoni, li, anki jekk talvolta setgħu jkunu eżistenti, għand-

hom jiġu dikjarati nulli minħabba l-istess raġunijiet fuq indikati; u li l-konvenut huwa debitur tal-attur nomine fis-somma ta' £355. 5. 7, kwantu għall-£155.0.7 prezz ta' merċi lilu mibjugħa u konsenjata, u kwantu għal £200 in rifużjoni ta' sehem li kellu l-fallit f'van "Commer", liema van spiċċat ukoll fil-pussess tal-konvenut, li però qatt ma rrifonda l-istess somma ta' £200; talab:— 1. Illi l-Qorti tistabbilixxi d-data li fiha l-konvenut kien jaf, jew bil-falliment tal-imsemmi Joseph Grixti, ġa eżerċenti l-kummerċ taħt id-ditta fuq riferita, jew biċ-ċirkustanzi li taw lok għal dak l-istess falliment; 2. Illi jiġu dikjarati nulli, minħabba frodi, in-negozji u l-operazzjonijiet kummerċjali kollha li waqt it-trattazzjoni tal-kawża jirriżultaw magħmula bejn il-fallit u l-konvenut mill-imsemmija data l-quddiem; 3. Li l-konvenut, bħala konsegwenza tal-premessa dikjarazzjoni ta' nullità, jiġi kundannat jirrestitwixxi u jirrifondi lill-attur nomine dak kollu li huwa rċieva minn għand il-fallit, jew li nkassa għan-nom u fl-interess tal-istess fallit u ddetjena, sija bħala konsiderazzjoni tal-imsemmijin negozji u operazzjonijiet kummerċjali, kemm għal kwalunkwe negozji u operazzjonijiet kummerċjali, kemm għal kwalunkwe raġuni oħra, b'dan li, jekk l-istess konvenut ma jkunx fi stat li jikkonsenja xi merċi minnu riċevuti għar-raġunijiet premessi, jiġi kundannat iħallas il-valur kif jiġi likwidat fil-preżenti ġudizzju; 4. Jiġi l-istess konvenut kundannat jirrestitwixxi lill-attur nomine dawk l-oġġetti, valuri u merċi, ta' proprjetà tal-fallit, ġa eżerċenti l-kummerċ taħt id-ditta fuq indikata, li jinsabu fil-pussess tiegħu, u li rrifjuta jikkonsenja billi allega fuqhom xi drittijiet ta' ritenzjoni, liema drittijiet għandhom jiġu dikjarati nulli minħabba d-deċiżjoni tal-ewwel żewġ domandi, salv illi l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas il-valur kif jiġi likwidat fil-preżenti ġudizzju, ta' dawk l-oġġetti, valuri u merċi, li ma jkunx fi grad li jirrestitwixxi in natura; 5. Li jiġi l-istess konvenut kundannat iħallas lill-attur nomine s-somma ta' £355,5,7. minnu dovuta kif ġa fuq ġie spjegat, jiġifieri kwantu għal £155. 5. 7 prezz ta' merċi lilu mibjugħa u konsenjata mill-fallit, jew prezz ta' merċi mill-konvenut inkassat u miżmum, u kwantu għal £200 in rifużjoni tas-sehem li kellu l-fallit mill-van fuq imsemmi li spiċċa f'idejn il-konvenut bil-kondizzjoni li kellu jħallas din is-somma ta' £200, dak li fil-fatt għadu ma għamelx. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-24 ta' Ottubru 1957, li biha:—

Stabbiliet fid-data tal-ewwel ta' Frar 1951 id-data li fiha l-konvenut kien jaf bic-cirkustanzi li taw lok għall-falliment ta' Joseph Edward Grixti;

Annullat l-operazzjoni illi l-istess Grixti għamel mal-konvenut u l-pagamenti li huwa għamel lill-istess konvenut, cjoè l-operazzjonijiet u pagamenti indikati fin-nota fil-fol. 51 tal-process taħt l-ittra (a); liema parti tal-istess nota ordnat li għandha tifforma parti ntegrali minn dik is-sentenza;

Ikkundannat lill-istess konvenut jirrestitwixxi u jir-rifondi lill-attur nomine l-merkanzija u l-effetti l-oħra kol-lha u l-flus formanti l-oġġett tal-operazzjonijiet u pagamen-ti fuq riferiti, kif deskritti fl-imsemmija nota taħt l-ittra (a), u fil-każ li jonqos jagħmel din ir-restituzzjoni fi żmien tliet ġimgħat mill-jum tas-sentenza, ikkundannatu jħallas il-valur tal-istess oġġetti, ammontanti komplessivament għas-somma ta' £5587. 9.1, oltre l-profitt fis-somma ta' £281. 6. 8, jew il-valur ta' dak jew ta' dawk l-oġġetti li jon-qos li jirrestitwixxi, kif indikat dettaljatament fl-imsemmi-ja nota taħt l-ittra (a), bil-profit relattiv riżultanti mill-istess nota taħt in-numru (3), fol. 52; liema parti tal-istess nota ordnat li għandha tifforma parti ntegrali minn dik is-sentenza;

Ikkundannat lill-istess konvenut jirrestitwixxi lill-attur nomine l-oġġetti, valuri u merci deskritti fl-istess nota fuq riferita taħt l-ittra (c); liema parti tal-istess nota ordnat li għandha tifforma parti ntegrali minn dik is-sentenza, tal-valur komplessiv ta' £1516. 5. 7, kompriż il-profitt tal-10%, u dan prevja d-dikjarazzjoni illi huwa null kull dritt ta' ri-tenzjoni illi l-istess konvenut jista' jippretendi riferibbil-ment għall-istess merkanzija, oġġetti u valuri, minħabba x-xjenza tiegħu tac-cirkustanzi li nducew id-dikjarazzjoni tal-falliment tal-imsemmi Joseph Edward Grixti; u kkun-dannat lill-istess konvenut biex, jekk jonqos jirrestitwixxi

l-istess merċi, valuri u oġġetti fi żmien tliet ġimgħat mill-jum tas-sentenza, iħallas lill-attur nomine l-valur ta' dawk l-oġġetti li ma jikkonsenjax, kompriż il-profitt, fis-somma ndikata fl-imsemmija nota taħt l-ittra (c);

Ikkundannat lill-istess konvenut iħallas lill-attur nomine s-somma ta' £355. 5. 7, kwantu għal £155. 5. 7 prezz ta' merċi mibjugħa u konsenjata lill-istess konvenut u prezz ta' merċi mill-konvenut inkassat u miżmum, u kwantu għal £200 in rifużjoni tal-valur tas-sehem tal-motor-van fuq riferita; liema merċi u van huma dawk indikati fl-imsemmija nota taħt l-ittra (d), fol. 54; liema parti tal-istess nota ordnat li għandha tifforma parti ntegrali minn dik is-sentenza;

U ordnat illi l-ispejjeż, dati ċ-ċirkustanzi tal-każ, jitħallsu minn għand il-konvenut; wara li kkunsidrat;

Illi mill-provi jirriżulta soddisfaċentement li l-fuq imsemmi Joseph Edward Grixti kien jinsab fiċ-ċirkustanzi li taw lok għad-dikjarazzjoni tal-falliment tiegħu minn qabel l-ewwel ta' Frar 1951, u li l-konvenut, almenu f'din id-data, kien b'sikurezza jaf b'dawk iċ-ċirkustanzi;

Illi l-attijiet b'titolu oneruż u l-pagamenti magħmulin mid-debitur qabel id-dikjarazzjoni tal-falliment huma annullabbli, meta jikkonkorru karatteri ta' dolo anki da parti tal-interessat; u dan id-dolo hu preżunt jekk jiġi pruvat illi l-interessat kellu konjizzjoni tal-falliment jew taċ-ċirkustanzi li jinduċu għad-dikjarazzjoni tiegħu;

*Illi jirriżulta pruvat li l-fuq imsemmi Joseph Edward* Grixti, wara d-data fuq riferita, għamel operazzjonijiet mal-konvenut u pagamenti lill-istess konvenut, u dawn huma dawk riżultanti minn nota fil-fol. 51 tal-proċess taħt l-ittra (a), tal-valur ta' £5587. 9. 1; liema operazzjonijiet u pagamenti għandhom kwindi jiġu annullati;

Illi jirriżulta wkoll pruvat li għand il-konvenut jinstabu depożitati l-effetti ndikati fl-imsemmija nota taħt l-ittra (c), tal-valur ta' £1516. 1. 7, kompriż il-profit tal-10%;

Illi, fl-aħħarnett, jirriżulta wkoll pruvat illi, oltre l-operazzjonijiet u l-pagamenti fuq riferiti, l-istess Joseph Edward Grixti kellu jieħu minn għand il-konvenut is-somma ta' £355. 5. 7, kwantu għal £155. 5. 7 prezz ta' merċi mibjugħa u konsenjata lill-istess konvenut, jew prezz ta' merċi mill-konvenut inkassat u miżmum, u kwantu għal £200 in rifużjoni tas-sehem li kellu l-fallit mill-van fuq imsemmi, li baqa' f'idejn il-konvenut bil-kondizzjoni li jħallas lill-imsemmi Grixti din s-somma ta' £200, dak li iżda ma għamelx;

Rat fol. 68 in-nota tal-appell tal-konvenut, u fol. 69 il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiddikjara li l-appellant ma kienx jaf bl-istat prossimu għall-falliment ta' Joseph Edward Grixti meta huwa għamel operazzjonijiet kummerċjali miegħu u rċieva ħlassijiet minn għandu, u meta rċieva merkanzija kontra avanzi ta' flus li għamillu, u billi tiddikjara wkoll, dwar il-van, li l-attur naqas ukoll iġib il-prova rikjesta mil-liġi tal-interess ta' Grixti fiha, u f'kull każ il-ġudizzju dwar l-istess van huwa irritwali; billi konsegwentement l-appellant jiġi meħlus mid-domandi attriċi u/jew mill-ġudizzju (rigward il-van) skond il-każ. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

L-istanza hi s'issa f'ħames domandi. Minbarra l-ħames domanda, li (ħlief kwantu għall-van) hi ta' sempliċi kanonizzazzjoni, l-erbgħa domandi l-oħra huma bażati fuq l-art. 577(2) u (3) Kap. 17 Ediz. Riv., li jikkontempla l-azzjoni pawljana fallimentari, b'karattru rikuperatorju jew restitutorju favur il-massa;

Din l-azzjoni tirrigwarda l-attijiet kompjuti mill-kummerċjant fiż-żmien taċ-ċessazzjoni tal-pagamenti, attwali jew prossima, iżda anterjorment għad-dikjarazzjoni tal-falliment magħmula minnu jew mill-Qorti. Dawk "qabel" dik iċ-ċessazzjoni jistgħu jkunu suġġetti għall-azzjoni pawljana ordinarja; u dawk "wara" d-dikjarazzjoni tal-falli-

ment huma nulli senz'altro, atteża l-indisponibbilità tal-beni bħala effett ta' dik id-dikjarazzjoni;

Trattandosi ta' attijiet b'titolu oneruż (bħal fil-każ preżenti), kull *obligazzjoni*, att jew *pagament*, jista' jiġi *annullat* jekk *ikun hemm frodi* anki mill-parti tal-interesat (tal-konvenut, f'dan il-ġudizzju); u l-att jitqies li sar bi *frodi mill-interessat* jekk jiġi pruvat li dan l-interessat kien jaf bil-falliment, jew biċ-*ċirkustanzi li taw lok* għad-dikjarazzjoni tal-falliment;

F'dan il-każ, l-imsemmi Joseph Edward Grixti ddikjara l-falliment tiegħu fil-31 ta' Marzu 1953, u ġie dikjarat fallit b'effett mill-ewwel ta' Diċembru 1951. Fil-kawża preżenti, ġie deċiż mill-Ewwel *Qorti li l-konvenut kien jaf biċ-ċirkustanzi li taw lok* għall-falliment ta' Joseph Edward Grixti fl-ewwel ta' Frar 1951. L-appellant qiegħed isostni *li fl-operazzjonijiet* kollha li għamel mal-imsemmi Joseph Edward Grixti (s'intendi sad-dikjarazzjoni tal-falliment) hu ma kienx jaf b'dawk iċ-ċirkustanzi;

Ma hemmx bżonn jingħad illi l-ispostament tad-data għandu importanza kbira għall-ambitu tal-operazzjonijiet li jkunu nvoluti fid-deklaratorja ta' nullità;

Sabiex din il-*Qorti tista' tapprezza* l-fatti rettament u tinkwadrahom fil-prinċipji ġusti, hu xieraq li jiġu premessi xi konsiderazzjonijiet dwar dawn il-prinċipji "in subiecta materia";

L-ewwel kwistjoni hi din — dwar x'inhi preċiżament din ix-"scientia decoctionis vel proximae decoctionis" li għandha tiġi pruvata. Fil-Liġi Maltija, din ix-xjenza għandha tiġi korrelatata maċ-"ċessazzjoni tal-pagamenti", mhux mal-"insolvenza". Bl-istess *mod kif*, sabiex ikun hemm *falliment*, hu suffiċjenti li l-kummerċjant ikun waqaf mill-pagamenti, avvolja talvolta l-attiv tiegħu jissupera l-passiv, u ma jeħtieġx li jkun hemm l-insolvenza, li hi impotenza reali u insanabbli li wieħed jissoddisfa l-obligazzjonijiet tiegħu, hekk ukoll, għall-finijiet tal-azzjoni pawljana fallimentari hu biżżejjed li jiġi pruvat li l-kreditur kien jaf biċ-ċessazzjoni tal-pagamenti, mingħajr ma hemm bżonn li jiġi pruvat li hu kien jaf li l-passiv kien jeċċedi l-attiv;

Hu importanti ferm, għall-finijiet tal-indaġini ta' fatt li aktar il-quddiem għandha ssir dwar il-konoxxenza tal-konvenut, li jiġi definit tajjeb f'hix tikkonsisti din iċ-ċessazzjoni tal-pagamenti, li anki qabel id-dikjarazzjoni tal-falliment tikkostitwixxi dak il-falliment latenti, ossija perijodu suspett, li hu, fil-każijiet kongruwi, fonti ta' annullament ta' atti, pagamenti u obligazzjonijiet;

Fid-dritt anki franċiż u taljan, kienet issir distinzjoni *bejn is-sospensjoni u ċ-ċessazzjoni tal-pagamenti; imma din* in segwitu ġiet proskritta, u ġie ritenut li s-sospensjoni tammonta għaċ-ċessazzjoni li hi nduttiva tal-istat ta' falliment (Parodi, Lez. Dto. Comm., Tomo I, p. 141-144);

Issa, din iċ-ċessazzjoni għandha tiġi distinta minn dak li fil-ġurisprudenza ġie msejjaħ "un momentaneo dissesto finanziario", ossija "momentanei imbarazzi", jew "momentaneo arenamento" (ara Coen, voce Fallimento, para. 29-30 u 78, jew, kif sejjaħlu l-Andreoli (Il Fallimento, p. 114), "momentanea difficoltà facilmente superabile". Jekk it-terz ikun, mhux bit-tort, ħaseb li si trattava biss ta' kriżi temporanja superabbli, allura ma jkunx hemm fih ix-"scientia decoctionis". Lanqas il-fatt biss li l-kummerċjant ikun żamm ruħu "in gamba" bi prestiti, jew b'dilazzjonijiet, ma hu biżżejjed (Coen, ibidem, para. 41), sakemm apparentement ikompli n-negozju u jkompli l-ħlasijiet. Il-Vidari (Corso di Dto. Comm., Vol. VIII, p. 119) jgħid, a propożitu:— "Non crediamo che l'eccedenza del passivo sull'attivo basti a determinare lo stato di fallimento, se ciò nullameno il commerciante, valendosi della sua abilità nel trovare oneste risorse a credito, continua a pagare con puntualità e rimane alla testa dei suoi affari; perchè in commercio, più che alle condizioni intrinseche, si guarda e si dà importanza a ciò che apparisce all'esterno; ed ove i creditori ancora *non si accorgono* di verun grave turbamento nello stato economico del proprio debitore, questi ha diritto di essere riputato solvente. La legge, infatti, non dice che il commerciante sopraffatto da debiti è in istato di fallimeno, ma dice che è in istato di fallimento il commerciante che cessa di fare i propri pagamenti";

Dan ifisser, għalhekk, li mhux biżżejjed li t-terz, fl-

azzjoni revokatorja fallimentari, ikun jaf li l-azjenda hi żbilanċjata, jekk intant il-kummerċjant, sija pure b'operazzjonijiet ta' kreditu, ikun qiegħed ikompli l-impenji tiegħu (ara wkoll Coen, para. 44 u 472). Anki jekk il-kummerċjant ikun qiegħed jivversa f'kondizzjonijiet ekonomiċi prekarji, jista', b'self, jitqiegħed fi stat li jsostni l-impenji tiegħu (Coen, para. 609). Kif jgħid il-Parodi, ibidem p. 145, sabiex ikun hemm iċ-ċessazzjoni tal-pagamenti (li magħha hi relatata x-xjenza tat-terz), jeħtieġ li "i rifiuti di adempiere alle proprie obbligazioni presentino nel loro assieme e nel loro numero la prova del disordine e dell'incaglio degli affari del commerciante che si vuole dichiarare fallito";

Il-Pipia (Trattato di Dto. Commerciale, Vol. V, Lib. VI, para. 678, p. 466), wara li jgħid illi "la consapevolezza perfino di un semplice dissesto del commerciante non può equipararsi a scienza dello stato di cessazione dei pagamenti", ikompli jirrileva, ġustament, li dik ix-xjenza tista' tiġi ndotta minn "notorjetà" ta' dak l-istat, għaliex appuntu l-publiċità tippresupponi l-"persistenza" tiegħu. Jekk l-iżbilanċ ikun notorju, vwoldiri li ilu sejjer, u għalhekk vwoldiri li ma kienetx kriżi momentanea;

It-tieni pont jirrigwarda l-oneri tal-prova tax-xjenza tat-terz interessat. Mill-lokuzzjoni tat-tielet subartikolu tal-art. 577 fuq imsemmi jidher ċar li hu l-instant għall-annullament li għandu jagħti l-prova tax-xjenza tat-terz, u mhux dan jagħti l-prova tal-"inscientia" tiegħu nnifsu. Del resto, dan hu nsenjament komuni (Coen. ibidem para. 481-496). Il-Pipia (loc. ċit. p 466) jgħid li l-liġi tirrikjedi din il-prova "da effettuarsi dal curatore, attore nel giudizio revocatorio, che il terzo conosca lo stato di cessazione dei pagamenti in cui si trovava il commerciante benchè non ancora dichiarato fallito";

Din il-prova, ikompli jgħid dan l-awtur, tista' tiġi ndotta minn preżunzjonijiet, basta li jkunu "gravi, precise e concordanti". Ċert hu li mhux biżżejjed li t-terz seta' "tħasseb biss" dwar l-istat ekonomiku tal-kummerċjant, imma jeħtieġ li jiġi pruvat konkludentement li "hu kien jaf" bl-istat taċ-ċessazzjoni tal-pagamenti. Jgħid l-Im-

ħallef Debono (Fallimento nel Diritto Maltese, p. 55):— "Solo è da avvertire col Casaregi che non basta provare che l'interessato avesse avuto qualche dubbio dello stato dell'*altro contraente, perchè ove si ricerca la scienza* non basta la dubbietà";

Premessi dawn il-prinċipji, il-Qorti tgħaddi biex teżamina l-pont ta' fatt dwar meta l-konvenut sar jaf biċ-ċirkustanzi li taw lok għall-falliment; u biex dan l-eżami jsir sewwa, hu xieraq li jiġu mgħoddija in rassenja, brevement, in kwantu huma fatti li jistgħu jinfluwixxu fuq ix-xjenza tal-konvenut, ir-relazzjonijiet bejn Joseph Edward Grixti u l-konvenut, li ma kienux relazzjonijiet aċċidentali, ossija sporadiċi, imma pjuttost prolungati u pekuljari;

Joseph Edward Grixti beda jinnegozja taħt id-ditta "Christie Davies & Sons" fl-1936 (fol. 169 proċess fall.). Fl-1945 kien ammassa kapital ta' £38,000 (fol. 170). Hu l-fallit, George Grixti, u l-konvenut kienu speċi ta' assoċjati fin-negozju tal-fallit, fis-sens li dan ħuh u l-konvenut (li kienu in soċjetà bejniethom taħt id-ditta "George Grixti & Sons", ara kopja tal-kuntratt fol. 404 u fol. 373) kienu jmexxulu l-merkanzija tiegħu, sa anki taħt id-ditta tiegħu "Christie Davies & Sons" (fol. 372 proċ. fall.), u jagħtuh flus mill-kaxxa komuni tagħhom (371 *proċ. fall.*). Kien hemm anki ħuh ieħor, u għad li l-fallit isejħilhom kollha mpjegati, ir-rimunerazzjoni tagħhom kienet tikkonsisti f'sehem mill-profitti tiegħu, b'mod li hu kien jieħu żewġ kwinti, kull wieħed miż-żewġ ħutu kwint, u l-konvenut il-kwint restanti;

Baqa' sejjer dan l-arranġament sal-1949 (fol. 172 proċ. fall.); mbgħad minn dik is-sena sal-falliment il-konvenut baqa' assoċjat fin-negozju tal-fallit, fis-sens li kien jieħu ½% mit-"turn over" (fol. 172 u 207 proċ. fall.). Mill-*1946 sal-1950 il*-profitt lord mensili kien £500. Il-konvenut kien jikrilu l-post, li kien is-sedi tan-negozju, u l-istess konvenut kellu negozju proprju tiegħu fil-pjan terran tal-istess post (fol. 172 proċ. fall.). Fl-1949 il-konvenut għamillu l-ewwel self rilevanti ta' £3000 (fol. 173 proċ. fall.) biex jestendi *n-negozju; is-somma setgħet kienet ftit anqas*, u ma ġietx mogħtija f'daqqa (fol. 145, 146 ta' dan il-pro-

ċess). Dak iż-żmien il-fallit kellu merkanzija tal-valur ta' £23,000 (173 tergo proċ. fall.). Il-konvenut kompla javanzalu flus biex jalimentalu n-negozju, u aktar tard biex jassestalu l-azjenda. Sa anki wara d-dikjarazzjoni tal-falliment il-fallit baqa' jaħdem mal-konvenut (fol. 171 proċ. fall.);

Għalhekk, mentri minn naħa waħda l-konvenut, f'dawn iċ-ċirkustanzi partikulari, kellu forsi aktar okkażjoni minn kreditur ordinarju li jkun jaf bl-istat ekonomiku ta' Grixti (għalkemm mill-provi jittrapela li l-konvenut kien jagħti flusu u jieħu sehmu bla ma tant jibbada għall-kotba tan-negozju u l-istat reali tal-azjenda), minn naħa l-oħra hu seta' wkoll, aktar minn kreditur ordinarju, jara l-affluwenza tal-merkanzija fi kwantità imponenti, u josserva l-istat apparentement floridu tan-negozju b'kummerċ estiż, b'rappreżentanzi redditizji ta' ditti esteri importanti u bil-konkors ta' impjegati subalterni diversi, u jkun favorevolment impressjonat b'dan l-istat apparenti ta' prosperità, li f'xi żmien kien anki ndubbjament reali;

Fuq dan l-isfond għandha ssir l-indaġini dwar id-data li fiha il-konvenut kellu x-"scientia decoctionis";

Il-Qorti tal-Ewwel Istanza, fis-sentenza issa appellata, *stabbiliet id-data tal-ewwel ta' Frar 1951 bħala dik li* fiha l-konvenut kien jaf biċ-ċirkustanzi li taw lok għall-falliment ta' Grixti. Dik il-Qorti bbażat il-konklużjoni tagħha unikament fuq ix-xhieda tal-fallit. Il-konvenut ma tax ix-xhieda tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, però ġie ammess li jixhed f'din l-istanza. Il-fallit xehed (fol. 39 ta' dan il-proċess) li fi Frar 1951 hu spjega lill-konvenut il-pożizzjoni tiegħu, u qallu li kien waqaf milli jagħmel il-pagamenti, u li kien fi stat ta' falliment;

Din il-Qorti, wara li riflettiet "a lungo" fuq iċ-ċirkustanzi u l-aspetti kollha tal-każ, ma tħossx bir-rispett kollu, li tista' taqbel mal-konklużjoni li għaliha waslet il-Qorti tal-Ewwel Grad; u dan għar-raġunijiet *li sejrin jingħadu*;

*Omissis;*

Għalhekk din il-Qorti tħoss li ma ġiex pruvat konvinċentement li fid-data misjuba mill-Ewwel Qorti l-konvenut kien jaf *biċ-ċirkustanzi li taw lok għall-falliment*;

Divers għal kollox hu l-istat tal-provi għar-rigward ta' Diċembru tal-1951. Anki apparti x-xhieda tal-fallit fuq ċitata, hemm l-istess awto-inkolpazzjoni tal-konvenut, meta dan jgħid li hu kien allura jaf li Grixti "ma kienx qiegħed tajjeb ekonomikament, u li seta' jitlef kollox jekk ma jieħux xi merkanzija"; u jgħid ukoll li f'din l-okkażjoni ta' Diċembru Grixti qallu "li ma kienx qed ilaħħaq mal-pagamenti". Jgħid ukoll li Grixti nfurmah *li kien jeħtieġ li hu jieħu bi ħlas merkanzija flok flus*, għaliex flus ma setgħax jagħtieh, u li, jekk ma jieħux merkanzija, jitlef kollox, "għax ma kienx qiegħed ilaħħaq mal-pagamenti u kien qiegħed jirċievi ittri minn għand l-avukati biex iħallas id-djun tiegħu". Kompla jgħid l-istess konvenut li l-impjegat tal-fallit. Cassar, kien ukoll qallu li, jekk ma jieħux il-merkanzija, "ma jieħu xejn". Għalhekk huma ssuġġerewlu li jillikwidaw, u fil-fatt sar dak li juru l-kontijiet eżibiti in kopja fol. 13 et seq. Dok. *C* ta' dan il-proċess (*ara fol.* 375-376 proċ. fall.). Ara wkoll fl-istess sens ix-xhieda tal-konvenut fol. 148 u 149 ta' dan il-proċess. L-operazzjoni li saret f'Diċembru u ċ-ċirkustanzi konkomitanti, flimkien mal-kliem tal-fallit ammessi mil-konvenut, kienet "ictu oculi" operazzjoni rovinuża u suspetta, li l-konvenut ma setgħax ma jiddeduċix minnha l-istat ta' falliment, ma setgħax ma jarax li hu kien qiegħed jagħmel ħaġa bi profitt għalih u bi ħsara tal-kredituri l-oħra, li dak li kien qed isir ma kienx att normali ta' adempiment talobligazzjonijiet ta' kummerċjant (Andreoli, loc. ċit. p. 119), u li b'dak li kien qed isir kienet qegħdha tiġi vjolata il-"*par condicio creditorum*"; u fuq kollox, l-istess konvenut ammetta li f'dik l-okkażjoni l-fallit kien qallu proprju dak li jeħtieġ għax-"scientia decoctionis", illi ċjoè hu ma kienx qed ilaħħaq mal-pagamenti — dikjarazzjoni li l-istess konvenut seta' faċilment isib konfermata mill-abdikazzjoni mis-sedi tal-Belt u minn negozju suspett li ġie lilu propost u li ġie fil-fatt kompjut. Ċert hu, għalhekk, kuntrarjament għal dak li ġie sostnut fil-petizzjoni tal-appell, li almenu f'Diċembru 1951, meta saret dik l-operazzjoni, il-

konvenut kien jaf biċ-ċirkustanzi li taw lok għall-falliment;

Dik l-istess operazzjoni, għalhekk, għandha tiġi kolpita bis-sanzjoni tal-azzjoni pawljana fallimentari, kif ukoll kull oħra sussegwenti. Hu intuwittiv li anki dik l-istess operazzjoni għandha tiġi kolpita. Ara deċiżjoni riportata fil-"Giurisprudenza sul Codice di Commercio" ta' Navarrini u Vedani, art. 709, para. 16, li qalet hekk:— "L'atto che ha fornito al tribunale il criterio per stabilire la data della cessazione dei pagamenti resta compreso entro il periodo del tempo pel quale è operativa la presunzione di frode dichiarata dall'art. 789 (App. Venezia 14 Maggio 1914, Ceccato c. Banca Cittadella); u l-oħra ibidem, para. 18:— "Gli atti quindi compiuti in tal giorno vanno considerati senz' altro come compiuti dopo la cessazione dei pagamenti";

Ma hux tant possibbli li, apparti x-xahar u l-annu, tiġi preċiżata l-ġurnata li fiha ġiet mil-fallit u l-konvenut proġettata dik l-operazzjoni rovinuża u frawdolenti. Il-konteġġ finali, kif jidher mil-fol. 18, sar fis-26 ta' Diċembru 1951. Iżda l-istess konvenut (fol. 149 tergo ta' dan il-proċess) jgħid li l-kontijiet saru xi ftit granet wara li l-fallit mar Birkirkara. *Il-fallit ukoll jgħid li d-diskussjonijiet* u l-konteġġi pprolungaw ruħhom (fol. 104 tergo u 105). Issa, peress li, sabiex ġiet stabbilita minn din il-Qorti d-data taċ-ċessazzjoni tal-pagamenti fis-sentenza tagħha tal-15 ta' April 1955 (fol. 528 proċ. fall.), ittieħdet bħala kriterju l-operazzjoni rovinuża fuq imsemmija, dik stess, ċjoè, li issa serviet ta' kriterju anki għall-fissazzjoni tad-data tax-"scientia decoctionis", għalhekk jidher loġiku li għall-finijiet ta' din ix-"scientia" tiġi fissata l-istess ġurnata tal-ewwel ta' Diċembru, 1951;

Ikkunsidrat, dwar punti oħra nvoluti fil-meritu;

Dwar id-dritt ta' ritenzjoni;

Il-konvenut jippretendi dritt ta' ritenzjoni għar-rigward ta' xi merkanzija li kienet tal-fallit, li però qiegħedha fil-pussess tiegħu. In sostanza, il-konvenut qiegħed

jirreklama il-pleġġ kontrattwali, li jagħti lok għal privileġġ speċjali fuq ħwejjeġ mobili, mhux suġġett għar-reġistrazzjoni (art. 2068, 2069, 2113, 2137, u 2145 Kop. 23);

*Skond il-pretensjoni* tal-konvenut, dan ma hux il-każ ta' kostituzzjoni ta' penju għar-rigward ta' debitu preeżistenti, f'liema *każ kienet* tidħol il-kwistjoni tal-aċċertament tal-perijodu suspett, tant għar-rigward tad-debitu kemm għar-rigward tal-kostituzzjoni tal-penju, rispettivament. Din kienet kostituzzjoni kontestwali, fis-sens li l-konvenut kien iħallas id-dazju fuq il-merkanzija li kien iġib Grixti, u mbgħad iżomm il-merkanzija bħala rahan għall-ħlas tad-dazju (fol. 376 tergo proċ. fall., u 151 tergo u 152 ta' *dan il-proċess*);

Is-*soluzzjoni, għalhekk*, hi sempliċi. Jekk il-kostituzzjoni tal-penju saret wara d-data fuq stabbilita, allura hi kolpita ugwalment bis-sanzjoni *tal-liġi*, u ma hemmx iddritt ta' ritenzjoni li qiegħed jinvoka l-konvenut. Kollox jiddependi mill-aċċertament tad-data li fiha saret l-operazzjoni ta' żdoganament u ritenzjoni tal-merkanzija bħala rahan — indaġini li trid issir "uti infra";

Dwar il-van;

Dan hu l-van "Commer" li kien iservi għan-negozju tal-fallit (fol. 173 proċ. *fall.*). Jinsab imsemmi fil-lista taħt l-ittra (a) fol. 51 ta' dan il-proċess. b'dikontru iċ-ċifra £500, u darb'oħra fil-lista taħt l-ittra (d) fol. 5, b'dikontru ċ-ċifra £200;

*Kif sewwa* rrileva l-appellant fil-petizzjoni. l-Ewwel Qorti inavvertitament ikkomprendietu darbtejn. billi kkundannat *lill-konvenut iħallas* il-prezz tiegħu f'£500 taħt ittielet domanda, u mbgħad ikkundannatu iħallas £200 taħt il-ħames domanda. *Għal dan qiegħed* jiġi awtomatikament rimedjat bir-regolament li sejra tagħmel din il-Qorti "uti infra";

L-appellant, però, imur aktar il-hemm, u jgħid li l-fallit suppost li akkwista kreditu fuq dan il-van minn għand ħuh, u ntant dan l-akkwist ma ġiex pruvat kif jeħ-

tieġ, ċjoè bil-produzzjoni ta' skrittura; u jirrileva wkoll li se maj dan iġib biss għal stat ta' komunjoni fil-van bejn il-fallit u l-appellant, u li kwindi kien hemm lok għall-bejgħ tiegħu u qasma tar-rikavat, u mhux għall-ħlas tas-sehem tal-fallit mil-parti tal-appellant;

Din il-Qorti hi ta' fehma li dawn ir-riljevi huma nsostenibbli in vista ta' dan li sejjer jingħad. Fol. 173 proċ. fall. il-fallit jgħid li hu kellu dan il-van; isemmieh bħala ħaġa proprjetà tiegħu. L-istess konvenut jammetti li l-van kien tal-fallit, u fol. 376 jgħid hekk:— "Jiena għall-bidu ħriġt għall-fallit £100, u hu ħallsu lil Mizzi tant fix-xahar, u meta ħallsu naturalment il-van kien tiegħu, u l-liċenzi marru f'ismu. Meta aħna llikwidajna, jiena ħadt il-van minn għandu bil-prezz ta' £500". Iċ-ċessjoni tal-kreditu ta' George Grixti kontra l-konvenut lill-fallit, ċjoè tal-kreditu ta' £200, saret "wara" l-likwidazzjoni (ara fol. 206 tergo), bil-ħsieb li, b'hekk, il-fallit jakkwista sehem fil-van, li kien ġie assenjat *fil-likwidazzjoni* lill-konvenut bil-prezz ta' £500. Il-fallit, non ostanti l-assenjazzjoni tal-van lill-konvenut fil-likwidazzjoni ta' Diċembru 1951, evidentement ried ikompli jaħdem bih, u għal dan l-iskop saru diversi operazzjonijiet bejnu u l-konvenut, iżda kollha "wara" l-assenjazzjoni, kif jidher anki mix-xhieda tal-konvenut fol. 376. Anki l-iskrittura fol. 391, għalkemm sibillina fir-redazzjoni tagħha, *isservi biex turi* (għat-tergo) li l-kreditu ta' George Grixti kontra l-konvenut ġie mdaħħal fin-negozju li sar dwar il-van "wara" l-assenjazzjoni tiegħu fil-likwidazzjoni. Dik l-iskrittura, infatti, iġġib id-data tat-28 ta' Jannar "1952". L-istess konvenut, ukoll, fol. 376 tergo, jgħid li meta, "wara" l-likwidazzjoni, hu deherlu li kien eċċessiv il-korrispettiv ta' £500 għall-assenjazzjoni tal-van, kien "allura" li saret l-operazzjoni li fiha ġie mdaħħal il-kreditu ta' George Grixti;

Issa, hu elementari li fl-azzjoni revokatorja ossija pawljana, meta tirnexxi, jitqies, fir-rapporti tal-partijiet in kawża, "perinde ac si nihil gestum asset"; il-patrimonju tal-fallit jerġa *jiġi rimess fl-istat li kien* qabel l-operazzjoni (Butera, Dell'Azione Pauliana, paġ. 96). Mela, annul-

lata l-likwidazzjoni li saret f'Diċembru 1951 bejn il-fallit u l-konvenut, taqa' wkoll l-assenjazzjoni tal-van, li jitqies rimess fil-patrimonju tal-fallit favur il-massa tal-kredituri. Per konsegwenza, kull negozju sussegwenti dwar il-van ma għandux jitqies, għaliex kull negozju simili bejn il-fallit u l-konvenut hu ugwalment null, għall-istess raġuni li hi nulla l-likwidazzjoni li saret f'Diċembru 1951. Il-van jerġa jmur lura "ex tunc" fil-patrimonju tal-fallit in forza tal-karattru rikuperatorju tal-azzjoni pawljana. Jekk il-konvenut, li hu tenut jagħtieh lura, iddispona minnu, allura jidħol il-karattru restitutorju ta' dik l-azzjoni bl-"aestimatio rei". Il-valur assenjat fil-likwidazzjoni kien ta' £500. Imma, annullata dik il-likwidazzjoni, il-valur għandu jkun dak (akbar jew iżgħar) li l-van kellu meta ħareġ mill-patrimonju tad-debitur, ossija tal-fallit (Butera, ibidem p. 583);

Din ir-regola dwar l-"aestimatio rei" għandha tiġi segwita fil-fissazzjoni tal-valur ta' kull ħaġa oħra formanti l-oġġett tal-likwidazzjoni ta' Diċembru 1951, li, għad li għandha tiġi restitwita, ma teżistix aktar;

Dwar il-profitti;

Kif jidher minn nota fol. 49 ta' dan il-proċess, fit-tieni paragrafu tagħha, l-attur nomine qiegħed jirreklama anki l-profitti normalment realizzabbli fil-bejgħ tal-merċi, li ġew kompriżi fl-effett rikuperatorju jew restitutorju tal-azzjoni pawljana (ara noti fol. 52 u 53 (b) u (c) fejn hemm il-kalkolu ta' dan il-profitt). Fis-sentenza appellata dak il-profitt ġie akkordat;

Verament, fl-att taċ-ċitazzjoni, fid-domandi rilevanti għal dan il-punt, ċjoè t-tielet u r-raba' waħda, l-attur nomine, fil-każ ta' nuqqas ta' restituzzjoni tal-"ipsa res", qiegħed jitlob il-valur. Ma jissemmiex espressament il-profitt;

Iżda, fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ma hux ostakolu; għaliex fil-konċett tal-"aestimatio rei", li jidħol f'każ ta' nuqqas ta' restituzzjoni tal-istess "res", hu kompriż il-profitt, inkwantokkè d-dottrina tradizzjonali hi fis-sens li r-restituzzjoni għandha ssir "cum omni causa", ċjoè bil-

frutti percepiti jew b'dawk "qui percipi potuerunt" (Butera, loc. ċit. p. 597). Il-kelma "valur", fid-domandi fuq imsemmija, hija ekwipollenti għall-"aestimatio rei"; u kif ingħad, din tikkomprendi, skond il-framment klassiku ta' Ulpiano (fr. 10, para. 20, Dig. quae in fraud, credit. XLII, 8), adottat tradizzjonalment mid-dottrina, il-profitti. "Et fructus non tantum qui percepti sunt, verum etiam hi qui percipi potuerunt a fraudatore, veniunt......" Għalhekk, jistgħu jiġu mill-Qorti provvduti anki l-profitti;

Dwar il-ħames domanda;

Din hija diretta għall-kanonizzazzjoni kontra l-konvenut ta' kreditu tal-fallit, il-lum tal-massa tal-kredituri tiegħu, assommanti għaċ-ċifra ta' £355.5.7, kwantu għal £155.5.7 prezz ta' merċi lilu mibjugħa u konsenjata, u kwantu għal £200 valur ta' sehem fil-van "Commer". Għal din id-domanda jirriferixxu l-para. (e) fol. 46 ta' dan il-proċess, il-para. 4 tan-nota fol. 49, u l-para. (d) fol. 54;

Kwantu għall-£200 tal-van. apparti li, kif ingħad, fissentenza appellata kien hemm duplikazzjoni ta' kundanna, in kwantu li l-valur tal-van f'£500 kien ġa ġie kompriż fil-kundanna fuq it-tielet domanda, dan sejjer jifforma oġġett tar-regolament f'din is-sentenza "infra";

Kwantu għall-kreditu ta' £155.5.7. dan irriżulta mill-prospett fol. 46, mid-dokumenti...... Del resto, ebda aggravju relattiv għal dan il-kreditu ta' £155.5.7 ma hu dedott fil-petizzjoni; u fil-kontestazzjoni oriġinarja fin-nota tal-eċċezzjonijiet fol. 6 u tergo, ingħad biss li, se maj, hemm lok għall-kompensazzjoni ma' dak li għandu jieħu l-konvenut minn għand il-fallit — pretensjoni ovvjament inaċċettabbli, tant għaliex il-kreditu tal-massa għadu illikwidu, kemm ukoll għaliex kull kompensazzjoni tkun kuntrarja għall-effetti dikjarattivi tal-falliment, li jġibu l-indisponibbilità tal-beni tal-fallit, anki bil-mezz tal-kompensazzjoni, u li jimponu l-ugwaljanza tal-kredituri;

Għad li, għalhekk, din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li dak il-kreditu ta' £155.5.7 hu dovut, eppure għal issa ma tistax tiġi provvduta l-ħames domanda, stante li din tik-

komprendi anki l-preteża ta' £200 dwar il-van "Commer", li għad trid tiġi regolata "uti infra";

Ikkunsidrat;

Illi hu għalhekk ċar, minn dak li ntqal, li, apparti d-deċiżjoni dwar l-Ewwel domanda, skond ma issa qegħedha tirritjeni din il-Qorti, kwantu għat-tieni, it-tielet u r-raba' domanda, u kwantu għal dik il-parti tal-ħames domanda li tinkludi l-preteża dwar il-van, hemm lok għall-provvediment infra-indikat. Jeħtieġ, infatti, li, stante l-kambjament tad-data tax-"scientia decoctionis" kif issa stabbilita minn din il-Qorti, isir elenku "ex novo" tal-operazzjonijiet u pagamenti kolpiti. Jeħtieġ ukoll li, dwar il-merċi li l-konvenut qiegħed jiddetjeni bħala rahan, jiġi aċċertat, stante l-kambjament tad-data fuq imsemmija, meta saret il-kostituzzjoni tar-rahan. Jeħtieġ ukoll li ssir likwidazzjoni "ex novo" tal-valur tal-merkanzija restitwenda, f'każ li ma għadhiex teżisti, u tal-profitt. Infatti, f'din is-sede l-appellant qiegħed jallega li diversi mill-oġġetti kienu avarjati jew skadenti, u sa anki kellhom jiġu mormija, li x'uħud kellhom jiġu mibjugħa bit-telf, li oħrajn ġew ritirati mill-pussess tiegħu mill-istess fallit, u in fine li xi merkanzija li ġie kundannat jirrestitwixxi kienet ta' proprjetà tiegħu. Hu spedjenti, għalhekk, il-provvediment infraskritt;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tirriforma s-sentenza appellata fuq l-ewwel domanda, fis-sens li tistabbilixxi d-data li fiha l-konvenut kien jaf biċ-ċirkustanzi li taw lok għall-falliment ta' Joseph Edward Grixti f'dik tal-ewwel ta' Diċembru 1951;

U kwantu għall-ispejjeż ta' din id-domanda, stante li l-attur nomine sostna d-data tal-ewwel ta' Frar 1951 u l-konvenut eskluda x-xjenza f'kull żmien, tordna li jibqgħu bla taxxa, dritt tar-Reġistru bin-nofs;

Kwantu għad-domandi l-oħra, tirriżerva li tipprovdi

fuq l-appell dwarhom wara li jiġi espletat l-inkarigu mogħti bil-provvediment infraskritt;

Tinnomina lil Paul Busuttil, F.M.I.A., C.E.T.D., S.F.A.I., bħala perit komputista ġudizzjarju, sabiex, a spejjeż provviżorjament tal-konvenut, wara li jagħmel l-indaġini opportuni, u wara li jqies il-kontestazzjoni u provi tal-konvenut, anki riferibbilment għan-noti fol. 157, 158 u 159, ta' dan il-proċess, jirrelata in bażi għal dawk il-prinċipji enunċjati f'din is-sentenza li għandhom x'jaqsmu ma' din l-indaġni, (a) liema huma, dettaljatament, il-merċi, effetti u flus formanti l-oġġett tal-operazzjonijiet li għamel Joseph Edward Grixti mal-konvenut, u tal-pagamenti li dan Grixti għamel lill-konvenut mill-ewwel ta' Diċembru 1951 inklużivament il-quddiem sad-dikjarazzjoni tal-falliment tal-31 ta' Marzu 1953 (kwantu għall-flus anki dawk inkassati talvolta mill-konvenut għan-nom u fl-interess tal-imsemmi Grixti, oltrekkè dawk riċevuti minn għandu direttament; (b) liema huma, dettaljatament, l-oġġetti, valuri, effetti u merċi ta' proprjetà tal-fallit li l-konvenut qiegħed iżomm minħabba li jippretendi dritt ta' ritenzjoni fuqhom minħabba ħlas ta' dazju jew għal kull raġuni jew kawża oħra, billi tiġi ndikata partitament id-data preċiża (ġurnata, xahar u sena) li fiha saret l-operazzjoni bejn Grixti u l-konvenut, li in bażi tagħha l-istess konvenut jippretendi dritt ta' ritenzjoni; (ċ) jindika, dettaljatament, x'inhu l-valur tal-merċi, effetti, valuri u oġġetti oħra msemmijin fuq taħt (a) u (b), kalkulat dan il-valur skond l-istat tal-oġġetti meta ħarġu mill-patrimonju tal-fallit għal għand il-konvenut; (d) jindika, dettaljatament, għal dawn l-oġġetti kollha, il-profitt normalment realizzabbli partitament, avut rigward għall-istat tagħhom, u l-kondizzjonijiet plateali tal-epoka; (e) u jindika l-valur tal-"Commer" van skond l-istat tiegħu fid-data rilevanti, ċjoè l-ewwel ta' Diċembru 1951. Huwa għandu fl-aħħarnett, għall-konvenjenza ta' riferenza, jirrikapitola l-konklużjonijiet tiegħu;

Il-Qorti tirriżerva tagħti kull provvediment ieħor li jiegħu jista' jinqala' l-bżonn fil-kors tal-perizja u għall-espletament tagħha;

Il-perit għandu, minbarra l-fakoltajiet soliti, anki l-fakoltà li jisma x-xhieda u jagħtihom il-ġurament;

Ir-rapport, li jista' jiġi ġuramentat fir-Reġistru, għandu jiġi preżentat mhux aktar tard mill-10 ta' April 1959; għal liema ġurnata tibqa' rinvijata din il-kawża;

L-ispejjeż, ħlief dawk provvduti fuq, jibqgħu riżervati.